FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

MAGISTRAT DR JACQUELINE PADOVANI LL.D. LL.M. (IMLI)

SEDUTA TA' NHAR IL-11 TA' LULJU 2001

PULIZIJA
SPETTUR DAVID SALIBA
VS
GILBERT MIFSUD

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Gilbert Mifsud ta' 19 il-sena bin Nicholas u Celestina cuschieri imwieled Pieta fl-4 ta' dicembru 1980 u joqghod Nru 6, Triq il-Gdida, Gharghur numru tal-karta tal-identita 568780M talli fix-Xatt ta' San Gorg limiti ta' San Giljan nhar is-6 ta' Awissu 2000 ghal habta ta' 3am flimkien ma persuni ohra mhux maghrufa, ikkmmetta serq ta handbag li kellu kontinenti mobile phone tal-ghamla Ericsson, flus kontanti u oggetti ohra li l-valur taghhom jiskorru is-somma ta' Lm100 izda anqas minn Lm1000 min fuq il-persuna ta' Michele Vella minn Bugibba liema serg huwa agrravat bil-vjolenza, hin, lok u valur.

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi xjentement laqgha ghadu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkaguna feriti gravi per durata fuq il-persuna ta' Michelle Vella hekk kif iccertika it-Tabib tal-Isptar Dr Despott mill-Isptar San Luqa.

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi irrenda ruhu komplici fl-imsemmi delitt billi ghen jew assista lil awtur jew awturi f'dan id-delitt liema delitt ikun gie ippreparat jew ikkunsmat.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Illi mill-provi migbura jirrizulta ili l-pulizija rceviet rapport fis-6 t'Awissu 2000 minghand Michelle Vella ta' San Pawl il-Bahar li fil-Bajja ta' San Gorg fil-2.45am persuni go van bin-numru EAN 725 kienu hatfulha l-"hand bag" minn fuq spallejha. Kienet wkoll sofriet griehi minhabba l-iskoss qawwi li batiet.

Illi l-prosekuzzjoni kompliet bl-investigazzjoni taghha u gie stabbilit illi l-imputat kien il-proprjetarju ta' dan il-van.

Illi ghalkemm ghazel li ma jirrispondi ebda domanda li saritlu fl-istqarrija, verbalment mal-ufficjal investigattiv, l-imputat ammetta li kien hu li kien jsuq u li kien ma xi hbieb ohra li ma ridtx jsemmi.

Illi sussegwentement saret tfittxija fuq il-van tal-imputat minn PC165 u PC902 u sabu l-handbag ta' Michelle Vella, Bank Card mill-Lloyds Bank

f'isimha, tlett nuccalijiet tax-xemx tat-tfajliet, calculator b'isem Shelly fuq wara fost affarijiet ohra.

Gie stabbilit illi dawn kienu ta' Michelle Vella.

Fix-xhieda tieghu PS336 Schembri kkonferma il-presenza tieghu waqt it-tehid tal-istqarrija u li verbalment l-imputat ammetta li kien hu li kien jsuq il-van EAN 725.

Michelle Vella a fol 44 et seq kkorroborat ix-xhieda tal-ufficjal prosekutur u qalet illi il-handbag kien jiswa Lm6, Sunglasses tal-marka Oakley jiswew Lm45, Sunglasses jiswewLm10, mobile phone jiswa Lm100 u kellha Lm2 cash.

Chris Micallef ikkorrobora ix-xhieda ta' Michelle Vella.

PC165 Gilson ikkorrobora it-tfittxija fil-van EAN 725  u li verbalment l-imputat ammetta mal-pulizija l-involviment tieghu fl-"isnatch and grab".

PC902 Debattista (ara fol 66 et seq) kkorrobora ix-xhieda ta' PC165.

L-imputat fix-xhieda tieghu (ara fol 99 et seq) xehed illi huwa kien ma hbieb jixorbu f'Bar fil-Bajja ta' San Gorg. Illi din kienet gennata ta' shabu u mhux tieghu. Illi huwa ma kixifx l-identita' ta' shabu ghax dawn kienu  tipacci u jibza minnhom.

Illi mitlub jispjega ghaliex huwa baqa jsostni li l-affarijiet li instabu fil-handbag kienu tieghu, l-imputat ma kellux risposta ghal dan.

Illi mix-xhieda prodotta jidher illi hemm xhieda skjaccanti li jorbtu lill-imputat mar-reati dedotti kontra tieghu – u cioe t-tieni u r-raba akkuza, izda jidher illi ghar-rigward tat-tielet akkuza ma jirrizultax feriti ta' natura gravi izda jirrizultaw slight injuries.

Illi ghaldaqstant il-Qorti ssib lill-imputat hati tat-tieni u r-raba akkuza.

Rat Art 334 u 42 tal-kap 9, Art 5 tal-kap 152 u minhabba il-fatt illi si tratta ta' "first offender" il-Qorti tqieghed lill-imputat taht ordni ta' Probation ghal perjodu ta' tlett snin taht is-supervizjoni ta' Carmen Nygaard.

MAGISTRAT

MARICA CARUANA
DEP.REG.